# BiedjaCam




Ser tapplika jew applikajt
għall-Eko-skemi u trid tevita
spezzjonijiet fuq il-post?
Trid tibdel il-pjan tal-uċuħ
tar-raba' mingħajr ma jkollok
iżżur l-uffiċini tal-Aġenzija?
Jew tibbenefika minn
possibilitajiet li temenda
l-applikazzjoni f'każ ta'
żbalji minuri?

Jekk ir-risposta tiegħek hija iva,
niżżel il-**BiedjaCam** issa.

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

GVERN TA' MALTA

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar il-BiedjaCam u l-iskemi imsemmijin, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-informazzjoni aġġornata li tinsab fuq is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

# X'inhi l-BiedjaCam?

Il-BiedjaCam hija *mobile app* li nediet l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) sabiex tgħinek torganizza, tippjana u ssegwi l-andamenti fl-azjenda agrikola tiegħek b'mod diġitali.

Dawn huma l-funzjonalitajiet prinċipali li jinstabu f'din l-App:

**Għelieqi**
Tara l-informazzjoni kollha tal-għelieqi tiegħek

**L-uċuħ tar-raba' tiegħi**
Tippjana l-uċuħ tar-raba'

**L-istrutturi tiegħi**
Tniżżel fil-lista t-tipi ta' strutturi li għandek

**It-tagħmir tiegħi**
Tniżżel fil-lista t-tipi ta' tagħmir li għandek

**Maltempati**
Tapplika għall-għajnuna f'każ li tinfetaħ skema meta sseħħ maltempata li tagħmel ħsara fuq l-uċuħ tar-raba', l-istrutturi u t-tagħmir

**L-applikazzjonijiet tiegħi**
Issegwi mill-qrib l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea

**Il-pagamenti tiegħi**
Tara l-pagamenti kollha li rċevejt

**L-avvenimenti tiegħi**
Tara l-avvenimenti li ġejjin

Tieħu ritratti ġeo-lokalizzati f'każ li l-Aġenzija jkollha bżonn aktar verifiki

1
Tirċievi avviżi u notifiki importanti mingħand l-ARPA, kif ukoll ikollok aċċess għal komunikazzjoni diretta mal-Aġenzija

## X'apparat jeħtieġ li jkollok biex tuża l-BiedjaCam?

- Android jew iOS mowbajl / *tablet* li hu attrezzat b'kamera u b'sensuri bħal *accelerometer*, *gyroscope* u boxxla;
- Android verżjoni 6.0 jew aktar avvanzata / iOS verżjoni 10.0 jew aktar avvanzata;
- Kont tal-Google jew Apple ID; u
- Importanti li tkun irreġistrat mas-sistema tal-IACS (jinkludi n-numru tal-karta tal- identità / VAT u n-numru tal-mowbajl tiegħek) u li l-informazzjoni li pprovdejt hija aġġornata u korretta fis-sistema.

# Kif tattiva u tidħol fil-kont tiegħek:

Wara li tkun niżżilt l-app ***BiedjaCam*** mill-***play store / apple store***, agħfas ***Oħloq Kont*** sabiex tattiva l-kont tiegħek.







Daħħal in-numru tal-karta tal-identità / VAT, in-numru tal-mowbajl u agħfas ***Iġġenera l-kodiċi ta' verifikazzjoni***. Daħħal il-kodiċi li tirċievi permezz ta' SMS.

Daħħal *password*, erġa' kkonferma l-*password* u agħfas ***Tmiem***.




Mur lura fil-kont, daħħal il-*username* (in-numru tal-karta tal-identità / VAT) u l-***password*** li għadek kif ħloqt. Agħfas ***Ftakarni*** sabiex il-kredenzjali tiegħek jinżammu u mbagħad agħfas ***Idħol fil-Kont Tiegħek***.

# Kif tippjana l-uċuħ tar-raba':

Il-pjan tal-uċuħ tar-raba' huwa obbligatorju meta wieħed japplika għal:

- Eko-Skema 1 - Dedikazzjoni ta' għelieqi agrikoli għat-titjib tal-bijodiversità u d-dakkir,
- Eko-Skema 2 – Ġestjoni Integrata Tal-Pesti
- Eko-Skema 3 – Aktar użu tal-*biomulch*.

It-teħid tar-ritratti permezz tal-BiedjaCam huwa obbligatorju għall-Eko-Skema 1 u 3, filwaqt li għall-Eko-Skema 2 huwa volontarju.

Biex tippjana l-uċuħ tar-raba' mingħajr ma jkollok iżżur l-uffiċini tal-Aġenzija, żur il-paġna ***L-uċuħ tar-raba' tiegħi***.







Żid il-wiċċ tar-raba' fuq l-għalqa li qiegħda marbuta taħt l-Eko-Skema billi tagħfas il-buttuna ***plus*** li qiegħda fil-parti ta' isfel tal-lemin. Jekk l-informazzjoni dwar l-uċuħ tar-raba' tkun diġà ddaħlet meta tkun żort l-uffiċini tal-ARPA għandek issib l-uċuħ tar-raba' miktubin lesti f'din il paġna. Biex tkun taf liem huma l-uċuħ tar-raba' eliġibbli taħt l-iskemi kkonsulta mal-linji gwida ta' dawn l-iskemi li jinsabu fuq is-sit elettroniku **www.arpa.gov.mt.**

Fil-paġna ***Żid l-Uċuħ tar-Raba'***, int tista' tagħżel il-prodott li ħawwilt / żrajt fl-għelieqi tiegħek. Tista' wkoll iżżid wiċċ tar-raba' kemm fil-preżent kif ukoll tħejji pjan għall-futur. F'dan il-pass, int tista' żżid id-data ta' meta l-prodott ġie mħawwel / miżruħ u awtomatikament l-app tindikalek id-data tal-ħsad. L-app għandha l-faċilita' li tippermetti tibdil tad-data tal-ħsad u jekk ikun hemm il-ħtieġa anke tibdil tal-pjan innifsu kemm fil-preżent u anke fil-futur.

Mis-simbolu tal-lenti, wieħed jista' jfittex u jgħarbel skont l-isem tal-għalqa, il-wiċċ tar-raba', l-użu tal-art jew skont id-data.

## Kif tieħu ritratt tal-wiċċ tar-raba':

Ir-ritratti li jittieħdu mill-BiedjaCam huma ġeolokalizzati *(geotagged)*. Dan ifisser li tinġabar l-informazzjoni dwar il-lokaliżżazzjoni u direzzjoni ta' fejn ikun qed jinġibed ir-ritratt u għalhekk huwa importanti li l-funzjoni tal-GPS tkun mixgħula fuq il-mowbajl.

Żur l-għalqa ta' fejn trid tiġbed ir-ritratt, agħżel il-wiċċ tar-raba' li trid tabbina r-ritratti miegħu, u agħfas il-*plus sign* li jidher fejn it-titlu Ritratti fil-parti ta' isfel ta' din il-paġna. La darba tkun fil-modalità tal-kamera, ħu r-ritratti meħtieġa għall-iskop tal-iskema u ddikjara f'liema stadju ta' tkabbir wasal il-prodott. Agħfas Issejvja la darba tkun imlejt id-dettalji kollha.












Wara li tibgħat ir-ritratti, l-Aġenzija tkun tista' tivverifika l-evidenza mingħajr il-ħtieġa ta' spezzjonijiet fuq il-post. Is-sistema ta' monitoraġġ tippermetilek ukoll li temenda l-applikazzjoni fil-ħin u tevita riskju ta' tnaqqis fil-pagament. Minn din il-paġna, l-ARPA ser tkun qed tevalwa ir-ritratti. Għall-Eko-Skema 1, għandek tibgħat ritratti ta' kull varjetà ta' pjanti eliġibbli għal din l-iskema li ġew imħawwla fl-għalqa ddikjarata, kif ukoll ritratti li juru tajjeb il-firxa tagħhom madwar l-għalqa. Għall-Eko-Skema 3, għandek tibgħat ritratti tal-użu tal-***biomulch*** mifrux fl-għalqa ddikjarata.




## Kif isir il-metodu ta' kontrolli fuq ir-ritratti li tirċievi l-ARPA

# Kif għandek tieħu ritratti ta' kwalità:

Ir-ritratti jridu jkunu ta' kwalità tajba li jippermettu li tittieħed deċiżjoni mill-Aġenzija. Segwi s-suġġerimenti t'hawn taħt meta tagħmel dan:

- Ħu aktar minn ritratt wieħed;
- Ara li r-ritratt ikopri kemm l-oġġett li tixtieq twassal kif ukoll il-kumplament tal-għalqa;
- Evita ritratti meħuda fil-qrib ħafna;
- Evita li tieħu ritratti faċċata tax-xemx;
- Evita li tieħu ritratti f'dawl baxx jiġifieri evitahom kmieni fil-għodu jew tard fil-għaxija;
- Ħu ritratti minn angoli u pożizzjonijiet differenti tal-għalqa.

BiedjaCam

QUALITY SERVICE

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

GVERN TA' MALTA

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)**
Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**